# TIFKIRIET MILL-IMGHODDI

***Jikteb Stephen Azzopardi***



Kien fi żmien il-Kappillan Dun Beneditt N. Fsadni li żżanżnet dik l-opra tant rikka u sabiħa tat-Tabernaklu fil-Knisja Parrokkjali tagħna, fil-jum tal-11 ta' Marzu, 1962. Wara t-tberik ta' dan it-Tabernaklu mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi nnifsu, il-Kappillan akkumpanjat mill-Kleru kollu tal-parroċċa waslu fil-każin tas-Soċjetà tagħna lill-Mons. Arċisqof fost l-entużjażmu u l-għajjat ta' ferħ mal-wasla tiegħu ta': 'Viva l-Papa' u 'Viva l-Arċisqof Gonzi'.

Kienet verament okkażjoni tassew ta' merħba xierqa, u ta' faraġ għall-maħbub Kappillan Dun Beneditt N. Fsadni. Fil-Każin, l-Arċisqof għamel diskors imqanqal, u kif spiċċa, il-President tas-Soċjetà, is-Sur Elia Micallef ippreżentalu kallotta u kannestru mimli bil-laring mill-isbaħ li taf toffri Ħal Lija. Dan il-laring ġie maqtugħ mill-ġnien ta' wieħed mis-soċji xjuħ li minn dejjem kien ferm attiv, is-Sur Pawlu Fenech li għal ħafna snin żamm il-kariga ta' Viċi President u aktar tard President Onorarju tas-Soċjetà.



L-Arċisqof bħala turija ta' ringrazzjament neħħa il-kallotta tiegħu u ppreżentaha lis-Soċjetà bħal tifkira dejjiema, fejn għadha miżmuma b'għożża kbira fis-Sala Prinċipali tas-Soċjetà, flimkien ma' inkwatru ta' l-Arċisqof Gonzi, iffirmata minnu stess.